MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
MARIO SCERRI**

Seduta tat-12 ta' Frar, 2008

Talba Numru. 28/2007/1

Maltacom plc [C 22334] u b'digriet tat-18 ta' Dicembru 2007, l-isem Maltacom plc gie mibdul ghal GO p.l.c.

vs

Noel Grech

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk :

"Illi l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' Maltacom plc is-somma ta' mija u hamsa u tletin liri Maltin u sitta u sebghin centesimi [Lm135.76] dovuti in kwantu ghal erbgha u tletin lira Maltin u tlieta u hamsin centesimi [Lm34.53] in konnessjoni mas-servizz telefoniku li jgib in-numru 21803328 [A/C no. 10040113] u in kwantu ghal mija u wiehed liri Maltin u tlieta u ghoxrin centesimi [Lm101.23] in konnessjoni mas-servizz telefoniku li jgib in-numru 21564953 [A/C no. 10223849], skond diversi

kontijiet mibghuta, flimkien ma' l-ispejjez, l-imghaxijiet, u drittijiet legali.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-prezenti, ta' l-ittra ufficjali mibghuta fit-3 t'April 2007, u tal-VAT fuq id-drittijiet professjonali, u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut.

Bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni."

Ra li l-konvenut debitament innotifikat skond il-ligi bl-avviz tat-talba u bl-avviz ghas-smigh fit-termini tal-artikolu 187(5) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, la deher u lanqas ipprezenta risposta;

Fl-udjenza tal-4 ta' Dicembru 2007, sama' lil Emanuel Cini, *customer services officer* mal-kumpanija attrici li kkonferma bil-gurament li l-ammont indikat fl-avviz tat-talba ghadu dovut fl-intier tieghu, u li l-konvenut baqa' ma hallas xejn minnu;

Fl-udjenza tat-8 ta' Jannar 2008, gew ipprezentati kapitoli ghas-subizzjoni tal-konvenut, u fl-udjenza tas-17 ta' Jannar 2008, gew miftuha dawn il-kapitoli, u fl-assenza tal-konvenut wara li gie debitament imsejjah diversi drabi skond il-ligi, u baqa' ma deherx, il-kapitoli gew approvati u meqjusa bhala li gew mistqarra mill-konvenut.

Ra d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidra ghalhekk li t-talba tas-socjeta' attrici hija gusta u timmerita li tigi milqugha.

Wara li ra wkoll l-artikoli 9(2)(a) u 13(b) tal-Kap.380.

Jiddeciedi ghaldaqstant billi jilqa' t-talba attrici, u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tliet mija u sittax –il Euro u tlieta u ghoxrin centesimi [€ 316.23] ekwivalenti ghal mija u hamsa u tletin liri Maltin u sitta u sebghin centesimi [Lm135.76], ammont dovut in kwantu ghal [tmenin Euro u tlieta u erbghin centesimi €80.43] in konnessjoni mas-servizz telefoniku li jgib in-numru 21803328 [A/C no. 10040113] u in kwantu

ghal mitejn u hamsa u tletin Euro u tmenin centesimi [€235.80] in konnessjoni mas-servizz telefoniku li jgib in-numru 21564953 [A/C no. 10223849], bl-imghaxijiet legali b’effett mid-data tal-ittra ufficjali tat-3 t’April 2007 [Ittra numru 238/2007], sal-eventwali hlas effettiv, u bl-ispejjez kollha gudizzjarji u legali nkluzi tal-ittra ufficjali msemmija, u bil-VAT, kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------